**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U TLETIN**

**29 ta' LULJU 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membru Annetto Bugeja.

**SKUŻATI**

Il-membri Joseph D'Amato u Joseph Caruana kienu assenti. Avżaw li ma setgħux jattendtu minħabba safar u xogħol rispettivament.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**39.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

39.1.1 Fir-rigward ta' punt 38.1.1 fejn jirrigwardja l-proġett ta' Triq San Martin, iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra mhux mgħoqdi bis-servizz tal-Perit Lewis. Il-punti li l-Kumitat Amministrattiv ried is-servizz tal-Perit u li sa issa xahar wara l-aħħar seduta ma sarux huma dawn:

- Laqgha mal-Mepa biex jiġi diskuss ix-xogħol li sar fi Triq San Martin
- survey ta' ħofra fi Triq San Martin u sorveljanza tax-xogħol li ser isir fuqha.

- L-*alignment* tal-bankina fi Triq San Martin

- Tfassil ta' *traffic island* fi Triq G M Callus

Iċ-Chairperson żied jgħid li saħansitra kellu appuntament mal-Perit fuq ix-xogħol ta' Triq G M Callus u dam jistennieh aktar minn tliet kwarti u xorta baqa' ma ġiex, mingħajr ma infurmah.

Iċ-Chairperson qal li ser iżomm lill-Perit Lewis responsabbli għal xi inċident li jista' jinħoloq minħabba l-ħofra li hemm fi Triq San Martin. Żied jgħid li fuq l-istess ħofra saret ukoll mistoqsija parlamentari.

Kien hemm qbil unanimu li tinkiteb email lill-Perit Lewis biex jerfa r-responsabilita' tas-servizz li suppost jagħti.

39.1.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq it-*twinning exchange* bejn irħula żgħar barra minn Malta. Hu qal li minn għandu xi mistoqsijiet jista jsaqsiehom lis-Sinjorina Annalisa Schembri li ser tieħu ħsieb il-proġett kollu hi,f'isem il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, mingħajr ma jinħarġu fondi. Is-Sinjorina Schembri ma setgħatx tattendi għal din is-seduta minħabba x-xogħol tagħha.

Dawn huma s-siti li ġew issuġġeriti li jitniżlu fl-applikazzjoni :

- Imtali, Palazz f'Misraħ Santa Marija, t-Torri, ix-xelter, il-kappella ta' San Iljun li kienet l-ewwel kappella li kien hemm fiż-Żurrieq.
- Votanti 1,708 – irġiel 850 u nisa 858
- Sala fejn jistgħu jsiru l-laqgħat – sala tal-kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra

39.1.3 Fir-rigward ta' punt 38.2.2 is-Segretarju Eżekuttiv qalet li llum ġew il-ħaddiema tal-koptasin biex iwaħħlu t-tabelli *'no entry for heavy vehicles'* fi Triq in-Nigret imma r-residenti li kienet ser teħel it-tabella quddiemhom oġġezzjonaw mal-Kunsillier Raymond Grixti li t-tabella mhux ser issolvi l-każ tagħhom u huma riedu *bollard/'u' bar* minflok. Għalhekk din it-tabella ma twaħħlitx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Raymond Grixti għandu jkellem liċ-Chairperson Pierre Farrugia fuq dan il-każ. Iċ-Chairperson qal li sal-lum il-Kunsillier kien għad

m'għamilx kuntatt miegħu.

39.1.4 Il-Minuti tas-seduta numru 38 ġew approvati.

***39.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson***

39.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li: jinġabar il-ħaxix minn wara ċ-ċimiterju.

- Issir is-sistema ta' 'one way' madwar il-ġnien il-ġdid fi Triq in-Nigret – bl-approvazzjoni tat-TM.
- Tiżdied Bring in Site tal-plastik fi Triq Kalang Bugeja minħabba li dejjem qed tkun mimlija għax tintuża ħafna.
- Tinqala siġra tat-tin ħażin fi Triq Nardu Sacco li minn informazzjoni li l-Kumitat Amministrattiv għandu mill-*Contract Mangager* is-Sur Azzopardi m'hemmx bżonn permess tal-Mepa.
- Bżonn li jsiru marki biex ma jipparkjawx quddiem il-garaxxijiet fi Triq dejqa faċċata ta' Triq San Leone.
- Ittra lill-Mepa biex sid ta' għalqa fi Triq Salvatore Magri itella' ħajt għax tinsab perikoluża.
- Jiġi installat dog bin fi Triq Salvatore Magri
- Issir tisqija fiż-żona ta' Bubaqra għax kollox nixef

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***39.3 Attivita'***

39.3.1 Il-membru Annetto Bugeja qal li l-attivita' kulturali ser ssir fit-28 ta' Settembru, 2013 hekk kif kien hemm qbil mal-membri tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM li kienu ser jagħtu l-għajnuna tagħhom.

F'din l-attivita' li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra mhu ser jiġi involut fl-ebda spejjeż ħlief għall-permessi tal-*wardens* u posters u t-tqassim tiegħu.

L-attivita' ser tkun tikkonsisti f'wirja ta' għodod agrikoli tal-imgħoddi, wirja ta' karozzi Ford fi Triq ir-Rettur, wirja ta' ritratti antiki fil-palazz tal-Misraħ, għana u ikel tradizzjonali malti, live band b'diski antiki, teatrini komiċi u wirja tal-ganutell.

Kien hemm qbil li jsir poster ta' daqs A3 bil-kulur biex jitqassam fil-ħwienet u fil-fuljett 'Leħen Bubaqra' jitniżżel avviż fuq l-attivita'.

### *39.4 Ilmenti*

39.4.1 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri, ġibdet l-attenzjoni ta' triq żgħira li għadha bla wiċċ fi Triq Santa Marija viċin Triq San Martin. Kien hemm qbil li minħabba li tali triq ma taqgħax taħt ir-responsabblita' tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra għax tinsab bla wiċċ, ma jista jsir xejn min-naħa tal-Kumitat.

39.4.2 Il-membru Annetto Bugeja nforma li hemm żewġ bozoz maqgħtuha fi Triq it-Torri k/m Triq Zakkarija Ronkali.

Il-membru Annetto Bugeja qal li hemm bżonn ta' tabella tal-iskart fi Triq Ħal Far viċin farm house. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-membru Annetto Bugeja informa li sqaq fi Triq it-Torri jinsab maħmuġ ħafna u għandu bżonn jitnaddaf qabel il-maltemp. Kien hemm qbil li tinġab stima mingħand Euro clean ħalli jekk it-tender ta' tindif ta' toroq mhux urbani ma tilħaqx tingħalaq (appell) isir ix-xogħol minn kuntrattur ieħor.

### *39.5 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

39.5.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Erbgħa 4 ta' Settembru, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija minħabba li ġimgħa qabel ser tkun il-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Is-Seduta ġiet fi tmiema b'dan il-punt fis-7.20 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Settembru, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**